MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 21/2005/3

**Joseph Emanuel u Carmen konjugi Ruggier**

**v.**

**Joseph Oliver Ruggier f'ismu proprju u ghall S.O.C. & K. Limited; u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

## I. PRELIMINARI

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija fis-17 ta' Marzu 2008 mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fil-

kompetenza taghha Kostituzzjonali u “Konvenzjonali”. F’din il-kawza r-rikorrenti konjugi Ruggier qeghdin jitolbu rimedju ghax qeghdin jallegaw li ma kellhomx smigh xieraq fi proceduri gudizzjarji u li in oltre sofrew ksur tal-jedd ta’ dgwadija tal-proprjeta` taghhom.

2. Il-fatti l-aktar saljenti li taw lok ghal din il-kawza huma dawn:

a) Il-konjugi Ruggier kienu xtraw u akkwistaw minghand l-intimat Joseph Oliver Ruggier, dar u garaxx fi Triq l-Ghenba H’Attard b’kuntratt tat-8 ta’ Lulju 1980 fl-atti tan-Nutar George Bonello Du Pius. Il-venditur Joseph Oliver Ruggier impona fuq din id-dar cens annwu perpetwu ta’ hamsa u tletin Lira (Lm35), liema dirett dominju gie sussegwentement trasferit minn Joseph Oliver Ruggier lis-socjeta` S.O.C. & K. Limited.

b) Jidher li l-konjugi Ruggier kienu waqghu lura fil-hlas tac-cens ghaliex din l-ahhar imsemmija socjeta` kienet talbithom biex ihallsu l-arretrati ta’ hames snin cens cioe` ghas-snin mil-1989 sal-1993, komplessivament ammontanti ghas-somma ta’ mija u hamsa u sebghin Lira Maltija (Lm175). Infatti l-istess socjeta` kienet ipprezentat fit-23 ta’ Settembru 1993 u fis-7 ta’ Marzu 1994 zewg ittri ufficjali kontra r-rikorrenti Joseph Emanuel Ruggier ghal dan l-iskop.

c) Fil-31 ta’ Mejju 1994 Joseph Oliver Ruggier f’ismu proprju u f’isem l-imsemmija socjeta` pprezenta citazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili kontra il-konjugi Ruggier (Citazz. Nru. 749/1994), liema kawza giet appuntata ghall-14 ta’ Novembru 1994. F’din l-ahhar imsemmija seduta l-Prim Awla tal-Qorti Civili tat, fil-kontumacja tal-konvenuti, is-sentenza taghha, li biha gie rexxiss il-kuntratt ta’ cens perpetwu tad-dar u l-garaxx imsemmija, il-konjugi Ruggier gew ikkundannati johorgu mill-imsemmija fondi fi zmien tlett xhur mid-data tas-sentenza, u in oltre huma gew ikkundanati li jhallsu s-somma ta’ mija u hamsa u sebghin Lira (Lm175) bhala arretrati ta’ cens.

d) L-intimat Joseph Oliver Ruggier u s-socjeta` intimata imsemmija hallew aktar minn hames snin jghaddu qabel ma fittxew l-ezekuzzjoni ta' din is-sentenza. Infatti b'rikors numru 2316/00 pprezentata fis-6 ta' Ottubru 2000 u maghmul taht l-Artikolu 258 tal-Kodici ta' Organizazzjoni Procedura Civili, huma talbu lill-Qorti li taghtihom is-setgha li jesegwixxu din is-sentenza. Din it-talba giet milqugha mil-Qorti b'digriet moghti fil-21 ta' Marzu 2002. Ir-rikorrenti konjugi Ruggier appellaw minn dak id-digriet izda l-Qorti tal-Appell, b'sentenza moghtija fl-1 ta' Frar 2005, cahdet l-appell taghhom.

e) Ir-rikorrenti konjugi Ruggier ressqu kawza ta' ritrattazzjoni (Citazz. Nru. 1007/01) li biha talbu li l-kawza maqtugha bis-sentenza ta' l-14 ta' Novembru 1994 terga' tinstema' mill-gdid wara li tithassar dik is-sentenza. Din it-talba taghhom giet michuda b'sentenza moghtija fid-19 ta' Jannar 2004 billi l-istess talba ta' ritrattazzjoni kienet saret aktar minn hames snin wara li kienet inqaghtat il-kawza li r-rikorrenti kienu qeghdin ifittxu li tinstema' mill-gdid, u dana b'applikazzjoni tal-artikolu rilevanti tal-Kap. 12

f) Bil-proceduri odjerni r-rikorrenti qeghdin jitolbu rimedju ghaliex qeghdin jallegaw li fl-imsemmija proceduri gudizzjarji, li wasslu ghal sentenza tal-14 ta' Novembru 1994, huma ma nghatawx smigh xieraq minn tibunal imparzjali u indipendenti, u dan bi ksur tal-jeddijiet fundamentali taghhom imharsa taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni") u taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni"). Qeghdin jallegaw ukoll illi bl-istess proceduri gudizzjarji u bis-sentenza relattiva inkiser il-jedd taghhom ghad-dgawdija tal-propjreta` taghhom, liema dritt huwa mhares taht l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni u bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Ir-rikorrenti Ruggier qeghdin jitolbu rimedju kostituzzjonali fuq l-allegazzjoni li huma ma kienux mgharrfa debitament bl-imsemmija kawza li kienet giet maqtugha bis-sentenza imsemmija tal-14 ta' Novembru 1994, u li ghalhekk ma setghux jidhru biex jinstemghu mill-Qorti f'dawk il-

proceduri u, konsegwentement inghatat sentenza kontra taghhom li cahdithom mill-proprjeta` taghhom.

g) L-intimati Joseph Oliver Ruggier u s-socjeta` intimata msemmija kienu talbu u ottjenew il-hrug ta' Mandat ta' Zgumbrament kontra r-rikorrenti konjugi Ruggier. Madanakollu b'sentenza ta' din il-Qorti ta' 22 ta' Awwissu 2005 l-ezekuzzjoni ta' dak il-Mandat ta' Zgumbrament gie sospiz taht il-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess sentenza.

h) Il-Prim Awla tal-Qorti Civili tat sentenza parzjali fit-12 ta' Dicembru 2005 fil-proceduri odjerni li biha cahdet l-ewwel tlett eccezzjonijiet ta' l-intimat Avukat Generali, u rriservat l-kap tal-ispejjez ghas-sentenza finali. It-tlett eccezzjonijiet li gew michuda f'din is-sentenza kienu jallegaw li l-procedura odjerna tal-konjugi Ruggier kienet wahda frivola u vessatorja, kienet wahda li tikkostitwixxi abbuz tal-process gudizzjarju u li l-istess konjugi Ruggier kellhom qabel xejn ifittxu rimedju taht il-procedura ordinarja.

i) Il-Prim Awla tal-Qorti Civili pprovvdiet rimedju lill-konjugi Ruggier b'sentenza ta' l-10 ta' Lulju 2006. Biha, dik il-Qorti ghamlitha possibbli lil konjugi Ruggier li jintavolaw mill-gdid talba ghal ritrattazzjoni tal-kawza deciza mis-sentenza tal-14 ta' Novembru 1994. Appellaw minn din is-sentenza l-partijiet kollha minbarra l-Avukat Generali. Din il-Qorti – cioe` l-Qorti Kostituzzjonali – ddecidiet dawn l-appelli b'sentenza tas-27 ta' Lulju 2007, li biha irrevokat l-imsemmija sentenza ta' l-10 ta' Lulju 2006 ta' l-ewwel Qorti, ghaliex fil-fehma taghha, ladarba rrizulta li r-rikorrenti kienu ezawrew ir-rimedju tar-ritrattazzjoni ma kien hemm xejn xi jzomm lill-ewwel Qorti li tistabbilixxi hija stess jekk l-att tac-citazzjoni in kwistjoni kienx gie notifikat debitament lill-parti telliefa u jekk din kienitx giet notifikata bis-smigh tal-kawza – fatti dawn li jkollhom konsegwenzi determinanti ghall-ezitu tal-kawza odjerna u li setghu facilment jigu accertati u stabbiliti mill-atti ta' l-istess kawza odjerna. Ghalhekk din il-Qorti baghtet l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex din tiddisponi mil-kawza fit-termini ta' l-istess sentenza skond il-ligi u ordnat li l-ispejjez konnessi

mas-sentenza appellata kif ukoll ta' dik l-istess sentenza kellhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-kontendenti.

## II. IS-SENTENZA APPELLATA

3. Kif diga` ntqal, dan huwa appell mis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fis-17 ta' Marzu 2008, li biha t-talbiet tar-rikorrenti gew michuda bl-ispejjez kontra taghhom, u dan wara li dik il-Qorti *inter alia* ikkonsidrat hekk:

"**KONTESTAZZJONI**

"Ir-rikorrenti jissottomettu li l-kawza Citaz Nru: 749/94 ma kienitx giet notifikata lilu kif trid il-ligi billi mir-riferti stess jirrizulta biss li kien intbaght avviz ta' smigh lir-rikorrent Joseph Emanuel Ruggier. Mir-riferta ma jistax jigi verifikat fejn kienet intbghatet l-ittra u min kien effettivament irceviha. Inoltre jirrizulta li Carmen Ruggier qatt ma giet notifikata; hadd mir-rikorrenti ma gie notifikat bic-citazzjoni; u li ghalkemm hemm riferta li saret notifika lir-rikorrent Joseph Emanuel Ruggier bl-avviz tas-smigh, il-formola tal-posta ma hiex annessa ma' l-atti. Ir-rikorrenti jsostnu li notifika trid tkun wahda certa u espressa u li fejn ikun hemm dubju l-Qrati ghandhom jezaminaw b'mod approfondit jekk il-parti tkunx giet effettivament notifikata jew le.

"L-intimati Joseph Oliver Ruggier isostni li minkejja li jirrizulta car li r-rikorrenti gie notifikat b'zewg ittri ufficjali u b'avviz tas-smigh tal-kawza, hu baqa' jsostni li huwa qatt ma rcieva dawn in-notifiki. Jistaqsi l-intimat, jekk kienx minhabba l-problemi li r-rikorrent xehed li kellu f'dak il-perjodu, li hu njora kemm l-ittri ufficjali kif ukoll n-notifika ta' l-avviz tas-smigh tal-kawza. Jissottometti wkoll li r-rikorrent ma rnexxilux jeghleb l-presunzjoni li tezisti b'riferta posittiva. Ghalhekk ir-rikorrent ma setghax jinjora ordni biex jidher il-Qorti imbghad jghid li ma nghatax smigh xieraq. Dwar l-allegazzjoni li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ghall-proprjeta` l-intimat jghid li l-Artikolu 37 mhux applikabbli billi ma hemmx tehid ta' proprjeta sfurzuz

imma biss bhala rizultat ta' obbligi naxxenti minn kuntratt jew minhabba ksur ta' ligi jew minhabba ordni tal-Qorti.

"L-intimat Avukat Generali wiegeb ukoll li r-rikorrent ma rnexxilux jeghleb il-presunzjoni li tezisti minhabba r-riferta posittiva dwar l-avviz tas-smigh tal-kawza u ma gabx l-ahjar prova.

## "KONSIDERAZZJONIJIET

"L-att tac-citazzjoni numru 749/1994 hemm riferta tal-purtier bid-data 22 ta' Lulju 1994 mnejn jidher li Joseph Emanuel Ruggier kien gie notifikat bl-avviz tas-smigh fis-16 ta' Lulju 1994, qabel sew is-smigh tal-kawza li sar fl-14 ta' Novembru 1994. Ma hemmx riferta dwar in-notifika tac-citazzjoni u l-atti relattivi (barra l-avviz tas-smigh lill Joseph Emanuel Ruggier) tar-rikorrenti konjugi Ruggier.

"Kif diga` qalet dina l-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza preliminari taghha tat-12 ta' Dicembru 2005 in-nuqqas ta' notifika lill Carmen Ruggier personalment, fic-cirkostanzi tal-kaz, ma jfissirx illi din ma kienitx taf bil-kawza. Dak iz-zmien il-ligi ma kienitx titlob in-notifika taz-zewg membri ta' koppja mizzewga. Fir-rigward tan-notifika tac-citazzjoni lir-rikorrent Joseph Emanuel Ruggier, il-Qorti kienet qalet li ghalkemm jista' jkun illi ma' l-avviz tas-smigh ir-rikorrent ma kienx notifikat ukoll bl-inkartament shih, madanakollu l-avviz tas-smigh xorta seta' serva biex iwissi lir-rikorrent li kien hemm xi proceduri ghaddejjin li jinteressaw lilu, u kien imissu ghamel dak li kien mehtieg, u mhux jaghzel li ma jaghmel xejn.

"Ir-rikorrent pero` qed jissottometti li, minkejja dak li tghid ir-riferta tat 22 ta' Lulju 1994, hu ma kien gie notifikat b'xejn, lanqas bl-avviz tas-smigh.

"Kif inhu risaput u kif diga` qalet dina l-Qorti fis-sentenza preliminari imsemmija r-riferta tohloq prezunzjoni qawwija illi tassew saret notifika, u min, minkejja r-riferta, jichad li kien notifikat ghandu oneru qawwi ta' prova x'jeghleb. Ir-

rikorrent qed jallega li huwa ma giex notifikat, allura jispetta lilu li jipprova dak li qed jallega.

"Ir-riferta hija dikjarazzjoni maghmula mill-ufficjal inkarigat biex tissodisfa lill-Qorti dwar il-verifika tal-fatt illi l-att ikun gie jew ma giex notifikat skond kif l-ufficjal ezekutur ikun dirett u wkoll biex tigi accertata l-identita` tal-persuna li f'idejha tkun giet fdata l-kopja ta' l-att li kellu jigi notifikat. (App. Maltacom p.l.c. vs E. Vella deciza fil-5 ta' Ottubru 2001).

"Fil-kaz in ezami mac-citazzjoni 749/94 hemm riferta tal-putier N. Bezzina li fil-22 ta' Lulju 1994 jghid u jizgura li fis-16 ta' Lulju 1994 hu kien innotifika lil Jos. Em. Ruggier bil-posta registrata Nru RB 2282 b'kopja ta' dak l-att (li kien Avviz ghas-smigh ta' kawza). Fl-istess faccata tal-process hemm ittimbrat u miktub mill-istess purtier li kien innotifika wkoll lill Jos. Oliver Ruggier bl-istess att. Hu veru li l-kontendenti ghandhom l-istess isem (hlief ghat-tieni wiehed) u kunjom izda fir-riferta l-putier iddistingwa bejn ir-riferta ta' Joseph Emmanuel Ruggier u dika ta' Joseph Oliver Ruggier. Il-Purtier ghamel dina r-riferta a bazi ta' l-informazzjoni li huwa kellu mill-*pink card* li hu jkun irceva.

"Ir-rikorrent jissottometti li dina l-*pink card* qatt ma giet esebita ghalhekk ma setghux isiru l-accertamenti li kien hemm bzonn. Jigi notat pero` li ghalkemm ir-rikorrent kellu l-oneru li jgib l-ahjar prova dwar l-allegazzjoni tieghu, hu fl-ebda stadju tal-proceduri ma harrek bhala xhud lil purtier li ghamel ir-riferta jew lil ufficjal inkarigat tal-posta biex jaghti spjegazzjoni dwar id-dokument RB 2282, fejn gie imqassam dak id-dokument u lill min.

"Inoltre l-Artikolu 188 tal-Kap 12 ma jitlobx *ad validitatem* li mar-riferta jkun hemm il-*pink card*. Il-Purtier ghandu l-obbligu li jivverifika dak li hemm fil-*pink card* u mill-verifiki li jaghmel jimla r-riferta. F'dan il-kaz ma giex pruvat mir-rikorrent li l-purtier ma ghamilx hekk. F'dan il-kaz ir-rikorrent mhux qed jallega li r-riferta hija invalida imma li ma hemmx *pink card* pero` kif gja` nghad il-fatt li ma hemmx *pink card* ma jfissirx li r-riferta mhiex valida.

"Il-Qorti tinnota li mhux bizzejjed li r-rikorrent jichad li huwa rceva d-dokument mill-Qorti izda hu kellu jgib l-ahjar prova biex iwaqqa’ l-prezunzjoni qawwija li tohloq ir-riferta li n-notifika saret.

"Jigi rilevat finalment li ftit qabel ma kienet giet prezentata l-kawza imsemmija r-rikorrent kien diga` gie notifikat b’zewg ittri ufficjali mibghuta mill-intimat datati 29/9/1993 u 7/3/1994 fejn kien intalab l-arretrati tac-cens u jirrizulta li dawn l-ittri ufficjali kienu gew notifikati lir-rikorrent, wahda lilu personalment u l-ohra lil ibnu. Anke dwar in-notifika ta’ dawn iz-zewg ittri ufficjali li gew debitament notifikati lilu, ir-rikorrent jibqa’ jghid li ma rceva xejn. U safrattant ic-cens baqa’ ma thallasx.

**"KONKLUZZJONI**

"In vista tal-fatt li lil dina l-Qorti jirrizultalha li r-rikorrent Joseph Emanuel Ruggier kien gie notifikat bl-avviz tas-smigh tal-kawza, u ghalhekk kieku ried kellu l-opportunita` li jikkontesta t-talba, (hawn issir referenza ghal kazijiet tal-Qorti Ewropeja dwar id-drittijiet tal-bniedem li ghamel referenza ghalihom ir-rikorrent) hu ma jistax issa jilmenta li ma kienx inghata smigh xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti, bi ksur tal-jedd fundamentali tieghu mhares taht l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u taht l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.
"Dwar in-notifika tac-citazzjoni lill-konjugi Ruggier, l-Qorti taghmel taghha l-konkluzzjonijiet ta’ l-ewwel Qorti dwar l-istess.

"Dwar l-allegazzjoni li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ghall-proprejta’ taht l-Art. 1 ta’ l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni u l-Art. 37 tal-Kostituzzjoni, l-Qorti hi tal-fehma li dawn l-artikoli ma japplikawx billi fil-kaz in ezami ma kien hemm ebda tehid sforzuz ta’ proprjeta` imma biss tehid bhala rizultat ta’ obbligi naxxenti minn kuntratt jew minhabba ksur ta’ ligi jew minhabba ordni tal-Qorti.

**"DECIZJONI**

"Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom."

## III. <u>L-APPELL</u>

4. L-appellanti konjugi Ruggier ressqu diversi aggravji fil-konfront ta' din is-sentenza li in sintesi jistghu jigu elenkati (mhux fl-ordni indikat minnhom) hekk:

a). Il-fatt li l-ewwel Qorti iddispensat mit-trattazzjoni orali qabel ghaddiet ghas-sentenza tista' tammonta ghal nuqqas ta' dritt ta' smigh xieraq;

b). li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta impediet lill-appellanti li jesebixxu d-dokument A li huma pprezentaw mar-rikors tal-appell taghhom;

c). li l-konvenut appellanti Joseph Ruggier qatt ma gie notifikat bl-atti tac-citazzjoni;

d). li r-riferta tal-avviz tas-smigh mhijiex b'sahhitha bizzejjed biex tissostanzja li l-appellanti kienu kontumaci u li huma kienu rrinunzjaw ghad-dritt taghhom li jkollhom smigh xieraq quddiem il-Qorti;

e). li Carmen Ruggier qatt ma giet notifikata b'ebda att tal-kawza;

f). li l-ligi li tillimita terminu ghat-talba tar-ritrattazzjoni ghal-hames (5) snin mid-data tas-sentenza impunjata kienet tilledi d-drittijiet tal-appellanti.

5. L-intimati appellati opponew assidwament dawn l-aggravji kollha li ressqu l-appellanti. L-opposizzjoni taghhom sejra tigi mtennija u kummentata fl-osservazzjonijiet li l-Qorti sejra taghmel waqt li hija tkun qeghda tezamina l-imsemmija aggravji tal-appellanti.

## IV. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. L-ewwel aggravju tal-appellant implika li l-ewwel Qorti ma tatx smigh xieraq ghax kienet ezentat it-trattazzjoni orali qabel ma l-kawza thalliet ghas-sentenza. L-appellanti jispjegaw dana l-aggravju taghhom hekk:

"Illi fil-fatt jigi rilevat ukoll li fil-kors tal-udjenza quddiem il-Prim Istanza l-esponent gie dispensat milli jitratta ghalkemm huwa kien preparat u xtaq anke jaghmel sottomissjonijiet orali; tali dispensa kienet sfortunata billi, bl-akbar rispett, forsi bit-trattazzjoni orali l-ewwel Onorabbli Qorti kienet tkun izjed fi grad li tapprezza l-lanjanza tal-esponent; id-dispensa minn trattazzjoni f'tali cirkostanzi tista' fiha nnifisha tigi tammonta ghall-negazzjoni tad-dritt ghall-smigh xieraq."

7. Jirrizulta li meta l-atti gew rinvjati quddiem l-ewwel Qorti, bis-sahha tas-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Lulju 2007, l-Onorevoli Imhallef li qabel kien qieghed jiehu konjizzjoni tal-kawza, astjena milli jkompli jisma' l-kawza peress li iddikjara li kien hemm ragunijiet biex huwa jastjeni a tenur tal-Artikolu 733 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta li l-kawza giet assenjata biex tinstema' minn Imhallef iehor li appuntaha ghas-seduta tas-17 ta' Ottubru 2007. Skond il-verbal ta' dik is-seduta, il-kawza thalliet ghad-29 ta' Ottubru 2007 ezattament biex jigi deciz jekk il-kawza kellhiex tigi deciza minn dik il-Qorti kif preseduta. Fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2007 il-kawza thalliet ghat-trattazzjoni ghall-14 ta' Dicembru 2007. Fl-udjenza tal-14 ta' Dicembru 2007 ma saret l-ebda trattazzjoni orali tal-kawza ghaliex il-verbal relattiv, wara li jindika l-partijiet u difensuri li dehru sempliciment jghid: "il-kawza tibqa' differita ghas-17 ta' Marzu 2008 ghas-sentenza.". Effettivament is-sentenza tal-ewwel Qorti inghatat fis-17 ta' Marzu 2008 u biha t-talbiet tar-rikorrenti, issa appellanti, gew michuda, bl-ispejjez kontra taghhom. Fil-parti preliminari tal-imsemmija sentenza tas-17 ta' Marzu 2008 jinghad hekk:

"Il-Qorti appuntat il-kawza ghas-smigh u l-partijiet qablu li r-rikors jista' jibqa' ghas-sentenza billi huma kienu diga`

ipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet dwar il-punt li din il-Qorti ghandha tiddeciedi".

8. Ghal dan l-aggravju l-intimat Avukat Generali stieden lil din il-Qorti li tinjora dana l-ilment gdid tal-appellanti ghaliex f'dan l-istadju r-rikorrenti ma setghux izidu aktar allegazzjonijiet u talbiet ma' dawk li diga` ghamlu fir-rikors promotur taghhom. L-appellat Joseph Oliver Ruggier proprio et nomine osserva li kieku l-appellanti riedu jittrattaw normalment, dan setghu jaghmluh ghaliex il-Qorti tathom opportunita` li jaghmlu hekk. Dan l-appellat irrileva li ma jidhirx li l-appellanti kellhom verament xi ilment dwar il-fatt illi ma ghamlux trattazzjoni orali ghaliex huma ma vverbalizzaw l-ebda lment f'dan is-sens. Huwa sostna li ma kien hemm l-ebda negazzjoni ta' dritt ghal smigh xieraq ghaliex jirrizulta li l-partijiet kienu nghataw l-opportunita` li jissottomettu noti ta' osservazzjonijiet, u dawn kienu fil-process quddiem l-ewwel Qorti.

9. L-appellanti ma ghandhomx ragun fuq dana l-aggravju.

10. Huwa veru li l-Onorevoli Imhallef li ppronunzja s-sentenza appellata beda jiehu konjizzjoni tal-kawza meta din l-istess kawza kienet waslet fl-istadju ahhari taghha. Huwa veru wkoll illi l-istess Onorevoli Imhallef kien halla l-kawza ghat-trattazzjoni u rrizulta li din it-trattazzjoni ma saritx. Pero`, ma jidhirx li l-appellanti kienu talbu, wisq anqas li insistew, li jaghmlu xi trattazzjoni orali quddiem l-ewwel Qorti ghaliex il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Dicembru 2007 ma jikkontjeni ebda lanjanza f'dan is-sens. Mill-korp tas-sentenza stess jirrizulta li f'dik l-udjenza l-partijiet kienu qablu li l-kawza tithalla ghas-sentenza billi huma kienu diga` pprezentaw noti ta' sottomissijonijiet dwar il-meritu li kellu jigi deciz. Evidentement l-appellanti ma jistghux jilmentaw li huma ma nghatawx smigh xieraq ladarba huma kienu qablu li l-kawza tithalla ghas-sentenza fuq l-atti li kien hemm. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju tal-appellanti ma jistax jintlaqa'.

11. It-tieni aggravju tal-appellanti huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ma kienitx ippermettiet lill-appellanti li jipprezentaw id-dokument A li huma sussegwentement esebew flimkien mar-rikors tal-appell quddiem din il-Qorti. L-appellanti jispjegaw dana l-aggravju hekk:

"Illi ghalkemm mhux verbalizzat, l-esponenti ma nghatax il-fakolta li jipprezenta d-dokument hawn esebit bhala dokument "A" mill-Prim Istanza ghalkemm turi li fi proceduri ohra kien hemm **tahwid** fin-notifika tal-kontendenti, fis-sens li l-purtier mar jinnotifika l-appellanti meta kellhu jinnotifika l-appellat. Dan huwa proprju r-raguni ghaliex il-Qrati Ewropej jinsistu li ma' riferta ta' notifika jkun hemm, fost affarijiet ohra, il-firma tal-persuna li accettat tali notifika."

12. L-intimat Avukat Generali oppona ghal dan it-tieni aggravju tal-appellanti billi, bhal ma ghamel fil-konfront tal-aggravju precedenti, tenna li f'dana l-istadju l-appellanti ma jistghux izidu aktar allegazzjonijiet u talbiet ma' dawk li diga` ghamlu fir-rikors promotur. Ghalhekk huwa invita lil din il-Qorti biex tinjora din l-allegazzjoni gdida u talab lil Qorti li tillimita ruhha ghall-allegazzjonijiet u talbiet li jinsabu fir-rikors promotur.

13. L-intimat l-iehor Joseph Oliver Ruggier proprio et nomine oppona dana l-aggravju tal-appellanti billi testwalment issottometta hekk:

"L-appellanti jidher li qed jipproducu dawn id-dokumenti biex jippruvaw joholqu analogija bejn dak li skond huma gara b'notifika ta' dokumenti li m'ghandhomx x'jaqsmu mal-kaz u dak li skond huma seta' gara bin-notifika tal-proceduri 749/1994 in ezami. B'kull rispett lejn l-appellanti, tali provi m'ghandhomx jitqiesu minn dina l-Onorabbli Qorti ghaliex ma hemm l-ebda rabta bejn iz-zewg sitwazzjonijiet u wisq inqas prova li fil-kaz odjern kien hemm xi "tahwid" kif qed jippruvaw jallegaw l-atturi. Kien proprju ghalhekk illi l-Ewwel Qorti ma awtorizzatx l-esibizzjoni ta' dawn id-dokumenti li huma ghal kollox estraneji ghal-proceduri in ezami. Inoltre u minghajr

pregudizzju, tul dawn il-proceduri twal, l-ilment tal-appellanti dejjem kien fis-sens illi ma kienux notifikati u mhux li seta' kien hemm xi notifika li saret lill-appellat Joseph Oliver Ruggier minflok Joseph Emanuel Ruggier."

14. Id-dokument A, li l-appellanti pprezentaw kontestwalment mar-rikors tal-appell taghhom quddiem din il-Qorti, jinsab a fol. 17 tal-process. Jikkonsisti bazikament f'zewg dokumenti cioe` busta ta' ittra registrata u fotokopja ta' riferta datata 7 ta' Frar 2007 kif ukoll il-*pink card* relattiva taghha. L-ittra registrata in kwistjoni intbaghet mill-Qorti lill-appellanti Joseph Emanuel Ruggier u lill-martu Carmen Ruggier f'Jannar 2007. Nonostante li l-indirizz tal-appellanti huwa mitkub car u korretement fuq il-busta, il-pustier, Aldo Cini, jidher li ikkonsenja din l-ittra registrata mhux kif suppost lill-konjugi Ruggier izda lill-appellat Joseph Oliver Ruggier, evidentement bi zball. Dan ta' l-ahhar jidher li rcieva l-ittra u anke iffirma l-*pink card*, izda meta huwa induna li l-ittra ma kienitx indirizzata lilu, huwa kkonsenjaha lura lill-pustier u dan eventwalment ikkonsenjaha lill-appellanti konjugi Ruggier fit-3 ta' Frar 2007. Sussegwentement il-marixxal tal-Qorti ghamel ir-riferta fis-7 ta' Frar 2007 fejn iccertifika li Joseph Ruggier gie notifikat bir-risposta in kwistjoni fit-3 ta' Frar 2007.

15. Fil-fehma ta' din il-Qorti il-prova li l-appellanti riedu jaghmlu b'dan id-dokument kienet prova gdida li tista' titqies relevanti ghall-kaz odjern. L-appellanti setghu talbu lill-ewwel Qorti li jaghmlu din il-prova gdida u fil-kaz li dik il-Qorti ma kienitx tkun propensa li taccetta din it-talba, l-appellanti setghu jinsistu li c-cahda tal-Qorti tigi verbalizzata. L-appellanti kienu jkunu aktar proceduralment korretti kieku ghazlu li jsegwu din it-triq. Madanakollu jidher li d-drittijiet taghhom fir-rigward huma salvati minhabba dak li jiddisponi l-Artikolu 145 tal-Kap.12 u cioe` li mar-rikors tal-appell jistghu jingiebu dokumenti li jkunu jsahhu t-talbiet ta' dik il-parti.

16. Fid-dawl ta' din l-ahhar imsemmija disposizzjoni tal-ligi, din il-Qorti jidhrilha li l-prova in kwistjoni li l-appellanti

jridu jaghmlu bid-dokument A jista' jkollha certa rilevanza billi xi ftit jew wisq tista' titqies li tikkorrobora t-tezi tal-appellanti. Dana qieghed jinghad ghaliex fl-ipotesi li l-intimat Joseph Oliver Ruggier, ghal xi raguni, kellu jonqos li jissenjala lill-pustier bl-izball li kien ghamel meta kkonsenjalu ittra li ma kinitx tieghu, ir-riferta tal-marixxal kienet tkun fis-sens li l-att tal-Qorti in kwistjoni kien gie debitament notifikat lill-appellanti, mentri dawn l-appellanti fil-fatt ma jkunu rcivew xejn. "L-izball" seta' jigi eventwalment skopert minn ezami tal-*pink card* ghax din kienet kieku turi il-firma ta' min ircieva l-att u cioe` l-firma tal-appellat Joseph Oliver Ruggier. Ovvjament, jekk din il-*pink card* sussegwentement tintilef u ma tkunx disponibbli ghall-iskrutinju ta' min ikun rrid jinvestiga dik il-kwistjoni, allura evidentement tkun haga pjuttost difficli li wiehed jiskopri b'certezza dak li verament ikun sehh. Din l-ahhar osservazzjoni tal-Qorti jista' jkollha relevanza fil-kaz odjern, ghaliex wiehed irid jiftakar illi l-*pink card* li hija marbuta man-notifika tal-avviz tas-smigh tal-kawza citazzjoni numru 749/94 AJM, u li kienet tirrigwarda l-posta registrata numru RB2282, fil-fatt irrizulta li intilfet u ghalhekk mhijiex disponibbli ghal min irid jezamina l-fatti rilevanti biex jistabbilixxi jekk dak l-att tal-Qorti cioe` l-avviz tas-smigh kienx gie debitament notifikat lill-appellant Joseph Emanuel Ruggier.

17. Iz-zewg aggravji li jmiss jistghu jittiehdu u jigu ezaminati flimkien. Bihom, l-appellanti qeghdin jallegaw illi assolutament ma hemm l-ebda prova li c-citazzjoni fil-kawza numru 749/94 AJM qatt giet notifikata lill-appellant Joseph Emanuel Ruggier. Jallegaw ukoll li l-prova li suppost tohrog mir-riferta ta' l-avviz ta' smigh ta' l-istess kawza hija wahda dubjuza u certament ma tistax titqies li tikostitwixxi prova li huwa kien baqa' kontumaci u li hu rrinunzja ghad-dritt tas-smigh tieghu. L-appellanti jispjegaw, fi kliemhom stess, dawn l-aggravji hekk:

"Illi fil-fatt il-konvenut innifsu fil-kawza attakkata, Joseph Emaunel Ruggier, qatt ma gie notifikat bl-att tac-citazzjoni u dan jirrizulta inkonfutabilment mill-atti billi l-unika riferta li hemm fil-process tirriferixxi biss ghall-avviz tas-smigh u mhux ghac-citazzjoni;

"Illi r-riferta tal-avviz tas-smigh mertu tal-kawza ma tilhaqx ir-rekwiziti mposti mid-dritt ghal smigh xieraq kif interpretat mill-Qorti Ewropeja biex juri espressament u oltre kwalsiasi dubju li r-rikorrenti appellanti, fil-proceduri mertu tal-lanzja, kien baqa' kontumaci u rrinunzja ghad-dritt ta' smigh tieghu;

…… omissis ……

"Illi fil-fatt ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li l-ewwel sentenza li tat lok ghal din il-vertenza kollha ittiehdet fil-kontumacja tal-konvenuti minghajr ma dawn kellhom l-ebda opportunita` li jsemmu lehinhom quddiem l-ewwel Qorti u li jaghmlu kwalsijasi tip ta' sottomissjoni. Ma hemm l-ebda prova ta' ebda tip li turi li huma kienu notifikati bic-citazzjoni u li ghalhekk dik il-kontumacja taghhom kienet legittima u legali u setghet taghti dritt lill-Qorti tipprocedi biex taghti sentenza kontra taghhom. L-unika prova li hemm hija ta' notifika ta' avviz ta' smigh lil wiehed mill-konvenuti u anke dik in-notifika hija mimlija dubji u difetti. F'tali cirkostanzi ghalhekk d-decizjoni li l-konvenuti kienu b'xi mod irrinunzjaw ghad-dritt taghhom li jinstemghu qabel mal-kawza tigi deciza hija mibnija fuq is-supposizzjoni, bl-ebda mod sopportata mill-fatti, li l-konvenuti messhom kienu jafu bil-proceduri u messhom dehru il-Qorti; edificcju mibni fuq premessa ta' logicita dubjusa. Huwa bir-rispett kollhu evidenti li d-dritt ghas-smigh xieraq tar-rikorrenti gie vjolat bl-aktar mod gravi."

18. L-intimati opponew dawn l-aggravji tal-appellanti billi sostanzjalment irritenew li l-appellanti ma gabux prova sufficjenti biex tingheleb il-prezunzjoni li tohrog mir-riferta posittiva tal-avviz tas-smigh in kwistjoni. L-intimat Avukat Generali *inter alia* issottometta hekk:

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta car li r-rikorrenti appellanti ma gabux prova sufficjenti biex teghleb il-prezunzjoni li riferta pozittiva tifforma. Setghu per ezempju ressqu bhala xhud lill-marixxal u lill-pustier pero` huma ghazlu li ma jaghmlux dan. L-oneru tal-prova kien fuqhom u kien wiehed gholi izda huma ma rnexxilhomx jeghlbuh.

Lanqas ma gabu lil xi ufficjal jiddikjara li l-*pink card* tar-riferta tal-avviz ta' smigh ma nstabitx. Ghalhekk il-Qorti ddecidiet li huma fil-fatt kienu notifikati bl-atti. Konsegwentement m'hemmx ksur tad-dritt ta' smigh xieraq peress li huma kellhom l-opportunita` ghal smigh u smigh xieraq u njurawh totalment."

19. L-intimat Joseph Oliver Ruggier similment issottometta *inter alia* hekk:

"… … … ghalkemm l-appellanti jilmentaw li ma kienx hemm notifika skond il-ligi tal-avviz tas-smigh, l-appellant Joseph Emaunel Ruggier gie fil-fatt notifikat bl-avviz tas-smigh. Huwa car ghalhekk illi l-appellanti kienu mgharrfa bil-proceduri li kienu ghaddejin kontra taghhom izda b'negligenza u b'mod konxju l-appellant ghazel illi ma jaghmel xejn dwar l-istess proceduri li kienu jikkoncernaw lilu. L-appellanti ma jistghux issa jilmentaw nuqqas ta' smigh xieraq meta nghataw kull opportunita` li jidhru fil-kawza u jippartecipaw attivament fl-imsemmija proceduri. Irid jinghad ukoll illi l-avviz tas-smigh gie notifikat lill-appellant f'Lulju, ghal kawza li kienet ser tinstema' f'Novembru u ghalhekk l-appellant kien ser ikollu bizzejjed zmien jirregola ruhu u jinforma ruhu fuq il-proceduri kontra tieghu. F'dan ir-rigward l-esponenti umilment jaghmel referenza ghal dak illi jghidu l-appellanti lejn l-ahhar tar-rikors odjern fejn jghidu: **"Inoltre ma huwiex kontestat li r-rikorrenti ma sarux jafu li kienet ittiehdet sentenza kontra taghhom."** L-appellant jirrileva umilment illi ghal kuntrarju ta' dak li qed jippruvaw jghidu l-appellanti, hemm provi cari illi l-appellant Ruggier kien jaf bil-proceduri u li konsegwentement kellu jkun jaf illi setghet jew kienet ser tinghata sentenza fir-rigward. L-appellant Ruggier pero` rrinunzja proprju ghad-dritt tieghu illi jidher u jiddefendi l-posizzjoni tieghu meta kien gie mgharraf perfettament bil-proceduri in kwistjoni. Il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali certament ma jappoggawx jew jipprotegu tali agir."

20. Qabel ma l-Qorti tibda tindaga dwar il-fatti specifici tal-kaz odjern, jidher opportun li jsiru xi osservazzjonijiet ta' natura generali dwar l-istitut tal-kontumacja u r-relazzjoni li dan l-istitut ghandu mal-kuncett tas-smigh xieraq li jinsab sancit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Relevanti taht dana l-aspett huwa wkoll il-principju fundamentali tal-gustizzja naturali u cioe` dak tal-*audi alteram partem*. Fil-fehma tal-Qorti l-istitut tal-kontumacja m'huwiex fih innifsu inkompatibli mal-imsemmi principju tal-gustizzja naturali u ma' l-Artikolu 6 tal-Konvenjzoni jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dana ghaliex id-dritt tal-konvenut li jidher ghal-process gudizzjarju u jiddefendi ruhu kontra t-talbiet li jsiru kontrieh ma jistghax jitqies f'termini assoluti ghaliex tali dritt jista' jigi rrinunzjat. Ir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja tirrikjedi li jinstab bilanc ragjonevoli bejn dan id-dritt ta' smigh xieraq li kull konvenut huwa ntitolat ghalih min-naha wahda, u bejn id-dritt tal-attur u l-interess tal-gustizzja in generali min-naha l-ohra, sabiex il-process gudizzjarju mibdi jkun jista' jiehu il-kors normali tieghu. Jekk dan il-bilanc ma jinstabx, il-process gudizzjarju jista' jsir unikament dipendenti fuq il-volonta` tal-konvenut, u b'hekk l-istess process jista' jisfa' indebitament intralcjat minn dak il-konvenut li jkun malintenzjonat Madanakollu jrid jigi sottolinejat enfatikament li jekk sentenza mehuda in kontumacja tal-konvenut tigi impunjata bil-mezzi ordinarji ta' ritrattazzjoni jew bil-mezzi straordinarji li jipprovdu l-Kostituzzjoni jew l-imsemmija Konvenzjoni, tali sentenza ghandha tithassar jekk ma jigix stabbilit bi provi cari u univoci li l-istess konvenut kien irrinunzja espressament jew tacitament ghad-dritt tieghu li jidher u li jiddefendi ruhu fil-konfront tat-talbiet li jkunu qeghdin isiru kontrieh. Dana qieghed jinghad ghaliex b'hekk biss jista' jigi accertat u assigurat li l-imsemmi dritt fundamentali tas-smigh xieraq ikun debitament imhares u jkun jista' jigi gawdut b'mod reali u effetiv mil-parti konvenuta fil-process gudizzjarju.

21. In omagg ghall-principju li d-dritt ta' smigh xieraq igawdi post elevat u prominenti hafna f'socjeta` demokratika, kull Qorti u Tribunal ghandhom obbligu li jharsu u jikkawtelaw l-istess dritt. Ghalhekk huwa obbligu

u dover taghhom li jezaminaw akkuratament l-atti tal-kawza biex jistabilixxu qabel xejn jekk il-parti konvenuta fil-process gudizzjarju tkunx giet debitament notifikata bl-atti gudizzjarji u partikolarment bl-att promotorju tal-process. Tali notifika hija element essenzjalissimu tad-dritt tas-smigh xieraq. Dana ghaliex meta l-parti konvenuta ma tidhirx fil-kawza u ma taghmilx dak minnha rikjest biex tiddefendi ruhha fi zmien utili, hija titqies kontumaci skond il-ligi u allura tigi titqies li rrimettiet ruhha ghall-gudizzju tal-Qorti u b'hekk titqies li rrinunzjat ghad-dritt fundamentali taghha li tati hija stess ir-ragunijiet taghha kontra t-talbiet tal-parti avversa. Effetivament hija l-prattika normalment rigorozament segwita fil-Qrati taghna li fil-bidu tal-kawza l-gudikant jaccerta ruhhu li l-att promotorju jkun gie debitament notifikat lill-parti konvenuta; u bhala regola huwa ma jmexxix il-process 'il quddiem qabel ma jkun sodisfatt li l-atti tal-kawza juru li saret notifika debita skond il-ligi lill-parti l-ohra.

22. Din il-Qorti tishaq li din il-prattika ghandha tkompli tigi segwita rigorozament mill-Qrati taghna u li ma ghandu jsir xejn li jinkoraggixxi lil xi Qorti li tipprocedi diversament. Dana ghaliex l-att tac-citazzjoni, u fil-prezent ir-rikors guramentat, li jaghtu bidu ghall-process gudizzjarju, huwa att legali importantissimu mhux biss ghaliex minnu biss il-konvenut ikun jaf ezattament x'qed jallega u jitlob kontrieh l-attur, izda wkoll ghaliex huwa biss fuq dan l-att li l-konvenut ikun avzat tempestivament u b'certa prominenza x'ghandu jaghmel u f'kemm zmien biex jiddefendi ruhu kontra l-allegazzjonijiet u talbiet tal-attur. Ghandu jigi wkoll rilevat illi huwa f'dak l-att biss li l-konvenut ikun imwissi li jekk ma jaghmilx hekk fi zmien utili l-Qorti tkun tista' taghddi biex tati decizjoni kontrieh skond il-ligi. Ghal fini ta' din il-kawza ghandu jigi rilevat li tali twissija ma tinstabx fuq l-avviz tas-smigh jew fuq l-avviz tal-ewwel appuntament tal-kawza ghaliex, kif diga` ntqal, din it-twissija tkun tinstab biss fuq l-att promotorju tal-proceduri.

23. Din il-Qorti trid terga' tenfasizza li tali att promotorju ghandu, bhala regola, dejjem jigi notifikat lill-konvenut skond id-dettami precizi tal-ligi procedurali taghna ghaliex b'hekk biss jista' jkun assigurat id-dritt effettiv ta' smigh

xieraq lill-konvenut. Huwa manifest li biex il-principju fundamentali tal-gustizzja procedurali *"audi et alteram partem"* ma jigix applikat fil-prattika fil-process gudizzjarju, jkun jrid jirrizulta lill-Qorti li hemm ragunijiet cari u univoci li juru li effetivament il-konvenut ghax irid jew bi traskuragni jrid jiddizobidixxi l-ordni tal-Qorti biex jidher ghas-smigh tal-kawza u jirrispondi ghall-gudizzju, u b'hekk ikun effettivament wera li rrinunzja ghad-dritt fundamentali tieghu li l-Qorti tisma' x'ghandu xi jghid b'difiza tieghu nnifsu.

24. L-accertament li tkun saret tali debita notifika ta' l-att promotorju lill-konvenut hija aktar u aktar neccessarja meta l-konvenut jonqos li jidher ghall-ewwel udjenza u l-Qorti kif hija ntitolata li taghmel skond il-ligi, tkun sejra tati s-sentenza taghha dakinhar stess. F'dana l-kuntest huwa rilevanti l-Artikolu 811(B) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jaghti lok ghal ritrattazzjoni ta' kawza specifikament meta l-att tac-citazzjoni jew issa r-rikors guramentat ma jkunx gie notifikat mil-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigh tal-kawza. U huwa naturali li jkun hekk, ghaliex biex il-parti telliefa tista' titqies kontumaci, n-nuqqas taghha li tipprezenta att gudizzjarju ghad-difiza taghha jrid ikun akkompanjat wkoll mill-assenza tal-presenza taghha fl-udjenza.

25. Din il-Qorti issa sejra taghddi biex tezamina jekk dawn il-principji fundamentali li johorgu mil-gurisprudenza tal-Qrati taghna kif ukoll minn dik tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem gewx osservati debitament fil-process impunjat cioe` c-citazzjoni numru 749/94. Minn ezami ta' dak il-process jirrizulta li l-appellant Joseph Emanuel Ruggier ma giex notifikat bl-att tac-citazzjoni ghaliex m'hemm l-ebda riferta f'dan is-sens fl-atti. Jirrizulta biss li hemmhekk hemm riferta li turi li l-istess appellant kien gie notifikat bl-avviz tas-smigh fis-16 ta' Lulju 1994 u li l-kawza kellha tinstema' fl-14 ta' Novembru 1994. Fis-sentenza appellata dan in-nuqqas tan-notifika tac-citazzjoni lill-kovenut gie sempliciment sorvolat ghaliex l-ewwel Qorti qalet hekk:

"…madanakollu l-avviz tas-smigh xorta seta' serva biex iwissi lir-rikorrent li kien hemm xi proceduri ghaddejjin li jinteressaw lilu, u kien imissu ghamel dak li kien mehtieg, u mhux jaghzel li ma jaghmel xejn."

26. Bir-rispett kollu dovut lejn dik il-Qorti; din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan l-ahhar imsemmi ragunament. Jidher car li l-Qorti li pronunzjat is-sentenza tal-14 ta' Novembru 1994 naqset li tivverifika akkuratament jekk il-konvenut kienx gie notifikat bl-att tac-citazzjoni ghaliex kieku ghamlet tali verifika kienet mill-ewwel tinduna li dan l-att ma kienx jirrizulta li gie notifikat lill-konvenut. Ir-riferta pozittiva fuq l-avviz tas-smigh ma jissostitwix il-htiega tan-notifika ta' l-att promotorju tal-process gudizzjarju. Dan il-fatt missu allarma lil appellat Joseph Oliver Ruggier, dak iz-zmien attur f'dik il-kawza, u messu aktar u aktar allarma lill-Qorti li kellha dover li timxi b'kawtela kbira fic-cirkostanzi. Fil-fehma ta' din il-Qorti dak il-process ma messux mexa aktar 'il quddiem qabel ma tkun saret id-debita notifika tac-citazzjoni lill-konvenut. Kif diga` intqal, din hija l-prattika li tigi osservata rigorozament mill-Qrati taghna.

27. Din il-Qorti jidhrilha li n-nuqqas tan-notifka tac-citazzjoni lill-allura konvenut Joseph Emanuel Ruggier jindika li huwa ma kellux jigi dikjarat li kien kontumaci u ma kelliex tinghata kontrieh is-sentenza li nghatat dakinhar stess ta' l-ewwel dehra. B'dik is-sentenza gie vjolat id-dritt ta' l-appellant odjern Joseph Emanuel Ruggier ghal smigh xieraq. Kwazi kwazi din il-Qorti tista' tieqaf hawn izda f'dan il-kaz hemm ix-xhieda guramentata tal-appellanti konjugi Ruggier li huma ma kienux jafu bil-kawza li kienet inbdiet kontrihom fi zmien utili. Xehdu t-tnejn li huma saru jafu b'dik il-kawza bis-sentenza eventwali li nghatat fiha meta l-appellat Joseph Oliver Ruggier ipprova jesegwixxi l-istess sentenza, aktar minn hames snin wara li nghatat l-istess sentenza. Certament li kieku dawn l-appellanti kienu jafu bis-sentenza in kwistjoni l-probbabilta` hija li ma kienux jaghmlu bejn is-sena 1994 u s-sena 2000 ix-xoghlijiet u l-ispejjez ammontanti ghal aktar minn tlett elef u mitejn lira

(Lm3,200) li ghamlu fid-dar tar-residenza taghhom u li skond is-sentenza in kwistjoni kellhom jirrilaxxjawha favur l-attur Joseph Oliver Ruggier. Ghandu jigi rilevat ukoll li minhabba x-xebh sostanzjali fl-isem u l-kunjom taz-zewg partijiet f'din il-kawza mhijiex haga improbbabli li l-posta, anke dik registrata, tal-wiehed tmur ghand l-iehor kif jirrizulta li gara fil-kaz tad-dokument A esebit mir-rikorrenti appellanti mar-rikors tal-appell taghhom. Jigi rilevat ukoll li l-attegjament u l-interess li wera l-appellant Joseph Oliver Ruggier appena sar jaf bl-ezistenza tas-sentenza in kwistjoni, u l-proceduri multiplici li ressaq biex jipprova jimpunja dik is-sentenza u jwaqqaf l-ezekuzzjoni taghha huma indikazzjonijiet cari ghal din il-Qorti li l-istess konvenut ma kienx dizobbidjenti ghal ordni tal-Qorti li jidher ghas-smigh tal-kawza; fuq bilanc ta' probabiltajiet din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellant verament ma kienx jaf bl-ezistenza tal-kawza citazzjoni numru 749/1994, propjru minhabba li l-atti tal-kawza qatt ma waslu debitament ghandu.

28. Bid-dovut rispett lejn l-ewwel Qorti, din il-Qorti lanqas taqbel li l-appellanti ma wrewx prova sodisfaccenti li l-avviz tas-smigh qatt ma gie notifikat lil Joseph Emanuel Ruggier. Jidher li l-ewwel Qorti ma emmnitx ix-xhieda ta' l-appellanti konjugi Ruggier u ccensurathom ghax qalet li naqsu li jgibu l-ahhjar prova biex iwaqqghu l-presunzjoni qawwija li tohloq ir-riferta tan-notifka tal-avviz tas-smigh li saret debitament. Specifikament iccensurat lill-appellanti talli huma ma harrkux il-purtier li ghamel ir-riferta u l-ufficjal inkarigat tal-posta biex jaghti spjegazzjoni dwar il-*pink card*.

29. Din il-Qorti tinklina li taqbel mal-appellanti li kien ikun ezercizzju x'aktarx inutili li dawn iz-zewg xhieda jitressqu <u>tnax–il sena wara l-akkadut</u> biex jixhdu fil-kawza. Irrizulta li l-*pink card* in kwistjoni kienet nieqsa u ghalhekk ma setax issir indagni dwarha biex tigi accertata l-identita` tal-persuna li kienet irceviet dik l-ittra registrata. Evidentement kien dover tal-amministrazzjoni tal-Qorti li tassigura li din il-*pink card* tkun dejjem imharsa u disponibbli bhala l-ahjar prova fic-cirkostanzi biex issir tali verifka. Din kellha tkun il-prova regina f'din il-kawza, u l-

fatt li din il-*pink card* hija nieqsa certament m'ghandhiex tippregudika t-tezi tal-appellanti. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-fatt li l-appellat Joseph Oliver Ruggier dam kwazi sitt snin sabiex jaghti bidu ghal ezekuzzjoni tas-sentenza li kien ottjena kontra l-appellanti odjerni, hija cirkostanza importanti hafna. Tali dewmien da parti tal-appellat Joseph Oliver Ruggier kien wiehed pjuttost stramb u insolitu, u b'dan l-operat huwa zied bil-bosta d-diffikulta` li tinstab il-verita` dwar l-identita` tal-persuna li rceviet l-att in kwistjoni minhabba t-trapass inezorabbli taz-zmien.

30. Illi ghalhekk fuq bilanc ta' probabbilitajiet l-appellanti rnexxilhom jissodisfaw lil din il-Qorti li l-appellant Joseph Emanuel Ruggier kien gustifikat li ma jidhirx ghall-ewwel appuntament tas-smigh tal-kawza citazzjoni numru 749/1994 minhabba impediment legittimu indipendenti mil-volonta` tieghu u cioe` billi ma rrizultax bi provi cari u univoci li l-imsemmi avviz tas-smigh gie debitament notifikat lilu.

31. La darba rrizulta dan, huwa evidenti illi l-appellanti Carmen Ruggier qatt ma tista' titqies li giet debitament notifkata, lanqas taht ir-regim tal-ligi procedurali kif kien fis-sehh fis-sena 1994 cioe` meta saret ir-riferta fuq l-avviz tas-smigh in kwistjoni. Dak iz-zmien ma kienx mehtieg li kull persuna li tkun parti f'kawza tkun notifikata personalment b'kopja ghaliha. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tarax il-htiega li tezamina l-aggravju ulterjuri tal-appellanti u cioe` li tali procedura ta' notifika kif kienet ezistenti fis-sena 1994 kienet leziva tad-drittijiet tal-appellanti Carmen Ruggier, aktar u aktar meta l-ligi procedurali relattiva kienet inbidlet xi sena wara fis-sens li saret tinhtieg li kull persuna li hija parti konvenuta f'kawza kella tigi notifikata.

32. Lanqas huwa necessarju li din il-Qorti tindaga dwar jekk kienx hemm vjolazzjoni tad-dritt ta' proprjeta` taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, mhux biss minhabba li l-Qorti sejra taghti l-provvediment infraskritt, izda wkoll ghaliex bhala fatt iz-zewg appellanti dejjem baqghu fil-pussess tad-dar residenzjali taghhom meritu tal-kawza.

33. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata moghtija fis-17 ta' Marzu 2008 u ghalhekk tiddikjara li bis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Novembru 1994 fil-kawza (citaz. Nru. 749/94 AJM) fl-ismijiet "Joseph Oliver Ruggier f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` S.O.C.& K Limited – vs – Joseph Emanuel Ruggier" gie vjolat id-dritt tal-istess appellanti konjugi Ruggier ghal smiegh xieraq kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; konsegwentement tannulla u thassar ghal kollox l-imsemmija sentenza tal-14 ta' Novembru 1994, kif ukoll l-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti u senjatament l-atti li bihom intalbet l-esekuzzjoni ta' l-istess sentenza, u b'hekk tqieghed lill-partijiet f'dik il-kawza ezattament fil-pozizzjoni li kienu fiha fil-31 ta' Mejju 1994, data meta giet ipprezentata l-kawza relattiva.

Dwar il-kap ta' l-ispejjez tipprovdi hekk:

- L-ispejjez konnessi mas-sentenza tal-ewwel Qorti tat-12 ta' Dicembru 2005 jithallsu kollha mill-appellat Avukat Generali;
- l-ispejjez konnessi mas-sentenza appellata kif ukoll ta' din l-istanza jithallsu kollha mill-intimati appellati in solidum bejniethom; u
- l-ispejjez kollha konnessi mas-sentenza tal-14 ta' Novembru 1994 u l-ispejjez relattivi kollha konnessi ma' l-esekuzzjoni taghha jithallsu mill-intimat appellat Joseph Oliver Ruggier proprio et nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------